K.L.B.L. 61/4/2007

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws ta' l-2007 dwar Tlajjar f'Toroq Speċifikati f'Ta' Xbiex (Kunsill Lokali Ta' Xbiex)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33, 34, 35(8) u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1.1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* ta' l-2007 dwar Tlajjar f'Toroq Speċifikati f'Ta' Xbiex (Kunsill Lokali Ta' Xbiex). Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2. Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:- Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Ta' Xbiex kif tidher fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att;

"tlajjar" tfisser il-preżenza persistenti ta' kull persuna għal ebda raġuni partikolari, hekk li huma esklużi persuni li jkunu qegħdin iwettqu xi dmir f'toroq speċifikati f'Ta' Xbiex u kif murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

3. Ebda persuna m'għandha titlajja f'toroq speċifikati f'Ta' Xbiex kif murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*. Ebda tlajjar.

4. Kull persuna li tinsab titlajja f'toroq speċifikati f'Ta' Xbiex murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' tletin lira (Lm30). Penali.

D 16

(Artikolu 3)

SKEDA

Lista ta' toroq f'Ta' Xbiex li fihom ma jistax isir tlajjar

- Triq Giuseppe Calì
- Triq San Ġwann tas-Salib
- Triq Testaferrata
- Triq Emanuel Galizia
- Triq Enrico Mizzi
- Triq Giorgio Mitrovich
- Triq Sir Ugo Mifsud